**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 14 ta' Mejju 2018**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Cuschieri)**

**Vs**

**PHILIP SIVE PHILIP JAMES ATTARD**
**PAUL D'AMATO**

Kump Nru 47/2015

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati **Philip sive Philip James Attard**, pussessur tal-karta tal-identita Maltija numru 0243777M ghan-nom propju u in rapprezentanza ta' Attrans Limited, u **Paul D'Amato**, pussessur tal-karta tal-identita Maltija numru 0154983M, gew akkuzati talli:

1. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel, gewwa t-Triq M25, f'Londra l-Ingilterra, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghkom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkagunajtu l-

mewt ta' David Sciberras, ai termini tal-Artikolu 225 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel gewwa t-Triq M25, f'Londra l-Ingilterra b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghkom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkagunajtu hruq jew ghamiltu xi hsara jew hassartu jew gharraqtu il-*car transporter Lohr* imqabbad mat-truck DAF illi kien qieghed isuq David Sciberras, li minhabba fiha grat il-mewt tal-istess David Sciberras, ai termini tal-Artikolu 328(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel gewwa t-triq M25 f'Londra l-Ingilterra fil-kapacita taghkom ta' persuna li thaddmu, inqastu li tiehdu l-mizuri mehtiega biex tizguraw li matul il-hajja tax-xoghol tieghu kollha, l-apparat tax-xoghol ikun qieghed jinzamm, permezz ta' manutenzjoni adegwata u dan ai termini tar-regolament 5 (2) tal-Avviz Legali 282 tal-2004;

4. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel gewwa t-Triq M25, f'Londra fl-Ingilterra nqasstu illi tiehdu il-car transporter ghat-test annwali tal-VRT flimkien mat-truck (tractor) bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-regolament 18 tal-Avviz Legali 50 tal-1979 kif emendat;

5. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel gewwa t-Triq M25 f'Londra fl-Ingilterra ghamiltu uzu ta' trailer minghajr il-licenzja necessarja bi ksur tar-regolament 3 tal-Avviz Legali 50 tal-1979 kif emendat;

6. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel, gewwa t-Triq M25 f'Londra fl-Ingilterra ippermettejtu lill-impjegat taghkom David Sciberras isuq it-trakk DAF hekk kif abbinat mal-car transporter LOHR minghajr licenzja idonea, u dan bi ksur tar-regolament 59 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 kif emendat u r-regolament 11(1) tal-Avviz Legali 50 tal-1979 kif emendat;

7. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel, gewwa t-Triq M25 f'Londra fl-Ingilterra inqastu li tipproducu taghmlu possibli l-ispezzjoni tat-tachograph

sheets tas-sewwieqa impjegati taghkom meta hekk mitluba bi ksur tar-regolament 40(3) tal-Avviz Legali 162 tal-2003 kif emendat;

8. Nhar is-17 ta' Marzu 2011 u fil-jiem ta' qabel gewwa t-Triq M25 f'Londra fl-Ingilterra inqastu li tiehdu t-taghmir tat-tachograph ghal-ispezzjoni ta' kull sentejn bi ksur tal-Artikolu 35 u tal-Artikolu 4(a) u (b) tar-reba skeda tal-Avviz Legali 162 tal-2003 kif emendat;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas lir-registratur tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-Inkjesta, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tat-30 t' April 2018 (ara *folio* 66) u l-kunsens ta` l-imputati sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio 70* );

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-imputati ipprezentat fit-30 t' April 2018, liema rikors gie pprezentat bis-sahha tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, riferibbilment ghas-sanzjoni applikabbli fl-eventwalita ta' ammissjoni minn naha tal-imputati;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum stess fejn, *inter alia*, l-imputati ammettew ghall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra taghhom u komplew jinsistu fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tathom zmien biex jahsbuha skond il-ligi;

Semghet lill-ufficjal prosekutur u lid-difensuri tal-imputati qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-atti kollha processwali, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet imsemmija migjuba kontra taghhom gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni skond il-Ligi.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena din il-Qorti qed tikkonsidra :

1. l-fattur tal-ammissjoni ta` l-imputati li ghandha titqies bhala wahda bikrija ghaliex dina saret qabel ma bdew effettivament jinstemghu ix-xhieda;
2. In-natura serja tar-reati kommessi;
3. Il-fedina penali nettissima taz-zewg imputati esebiti in atti;
4. Qeghda tqis pero`, b'attenzjoni partikolari id-dikjarazzjoni li saret fil-verbal tal-10 ta' Jannar 2017 (ara folio 21), li ghaliha saret referenza fir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-imputati (ipprezentat 30 t' April 2018 – ara folio 68), u cioe li l-eredi tal-mejjet David Sciberras gew ikkumpensati *in full and final settlement*

Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat kif migjub ta' omicidju involontarju kontra l-hatja huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hatja ta` reat kif migjub ikunu jimmeritaw piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hatja permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi.

**KONKLUZJONI.**

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI, wara li rat l-Artikoli 225(1) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Philip sive Philip James Attard hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sena prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' tletin (30) xahar millum; Issib ukoll lill-imputat Paul D'Amato hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghal sitt xhur (6) prigunerija li, bl-applikazzjoni u ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, jibqghu sospizi ghall-perjodu ta' ghoxrin (20) xahar millum.**

Il-Qorti tat lill-hatja l-ispjegazzjonijiet skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hatja jhallsu lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez in konnessjoni mal-hatra ta` l-esperti u periti.

Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur